

32004R0027

L 5/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.1.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 27/2004

tal-5 ta' Jannar 2004

li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri ta' l-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tas-Sħubija tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja⁽¹⁾, l-aktar l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tas-Sħubija tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja⁽²⁾, u l-aktar l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 47a(2) u (3) u 47b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija Agrikoli (FEGGA) u li jemenda u jħassar ċerti regolamenti⁽³⁾, kif emendat bl-Att tas-Sħubija tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja, iwaqqfu regoli speċjali għall-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri ta' l-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 47a(1) ta' dak ir-Regolament. L-aktar, dawn jstabbilixxu li ċerti diżposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999, li jippreskrivi d-diżposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali⁽⁴⁾, kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Sħubija, għandhom ikunu jgħoddu.
- (2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mas-Sħubija ta' l-Istati Membri l-ġodda. Biex titħaffef it-transizzjoni bejn ir-regoli li hemm bħalissa fuq it-tħaddim tat-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG, imwaqqfa l-aktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni⁽⁵⁾, u r-regoli ta' l-applikazzjoni, u r-regoli speċjali mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, għandhom jitwaqqfu miżuri ta' tħaddim.
- (3) Minħabba li l-Istati Membri l-ġodda għandhom ma addottawx il-munita waħdanija, għandhom jitwaqqfu diżposizzjonijiet speċjali fuq, fost oħrajn, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa, f'deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jippreskrivi r-regoli dettaljati li japplikaw is-sistema agrimonetarja ta' l-Ewro fl-agrikoltura⁽⁶⁾.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002, li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 fuq l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar il-Gwida u l-Garanzija (FAEGG)⁽⁷⁾, jstabbilixxi d-diżposizzjonijiet finanzjarji li ma jaqblux mar-regoli speċjali stabbiliti fl-Artikolu 47a u 47b tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999. Dawk id-diżposizzjonijiet m'għandhomx ikunu jgħoddu għad-dokumenti tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali ta' l-Istati Membri l-ġodda.
- (5) L-Artikolu 33g u 33għ tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 rispettivament jipprovdu għal parti mill-iffinanzjar, taħt il-programmi ta' l-iżvilupp rurali, tal-kumplamenti għall-pagamenti diretti u tal-kumplamenti għall-għajnuna ta' l-Istat f'Malta. Minħabba n-natura speċifika ħafna ta' dawn il-miżuri, għandhom jitwaqqfu diżposizzjonijiet speċjali għat-tmexxija u l-kontroll tagħhom.
- (6) Minħabba li s-sħubija ta' l-Istati Membri l-ġodda se ssir fl-1 ta' Mejju 2004 milli fil-bidu tas-sena, għandhom jitwaqqfu miżuri speċjali għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet li jsaħħu l-għajnuna liż-żoni inqas vantaġġati fl-2004 biex ikun żgurat li l-Istati Membri l-ġodda jilhqqu l-obbligi tagħhom fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli.
- (7) Il-miżuri huma msemmija f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar il-Gwida u l-Garanzija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Qasam ta' l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-diżposizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 47a u 47b tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li jgħodd għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri l-ġodda").

⁽¹⁾ ĠU L 236, 23.09.03, p. 17.⁽²⁾ ĠU L 236, 23.09.03, p. 33.⁽³⁾ ĠU L 160, 26.06.99, p. 80.⁽⁴⁾ ĠU L 161, 26.06.99, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 160, 26.06.99, p. 103.⁽⁶⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 816/2003 (ĠU L 116, tat-13.5.2003, p. 12).⁽⁷⁾ ĠU L 74, tal-15.3.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 963/2003 (ĠU L 138, tal-5.6.2003, p. 32).

Artikolu 2

L-Eliġibbiltà tan-nefqa

1. Għall-għanijiet tat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, id-data aħħarja għall-eliġibbiltà tan-nefqa stabbilita fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw id-dokumenti tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali ta' l-Istati Membri l-ġodda għandha jkollha x'taqsam ma' pagamenti li jkunu saru mill-aġenziji li jħallsu msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 33(5) ta' l-Att tas-Sħubija, in-nefqa biss marbuta ma' xogħol magħżul biex parti minnu tkun iffinanzjata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, fi qbil mal-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri stabbiliti, u li tul il-perjodu kollu li matulu jkun sar dan kien jiddependi mir-regoli tal-Komunità, għandha tkun eliġibbli.

Artikolu 3

Il-Pagamenti

1. Ir-referenzi għall-awtorità li qed tħallas li hemm fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 għandhom ikunu miftiehma bħala r-referenzi għall-aġenziji li jħallsu li hemm msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

2. Għall-għan ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, il-pagamenti interim u dawk tal-bilanċ aħħari għandhom ikunu x'jaqsmu mal-pagamenti li jkunu saru fil-fatt mill-aġenziji li jħallsu.

3. Għat-tħaddim ta' l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, il-pagamenti interim taħt id-dokumenti tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali għandhom ikunu jiddependu mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' l-aħħar rapport tat-tħaddim li huwa dovut, kif previst fit-tielet sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999;

(b) is-sottomissjoni ta' l-aħħar kontijiet annwali dovuti kif meħtieġ taħt l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

4. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 32(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, il-bilanċ aħħari taħt id-dokumenti tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali għandu jitħallas fuq il-bażi ta' l-aħħar deċiżjoni ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet prevista fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

5. L-applikazzjonijiet tal-pagament iċċertifikati għandhom jintwerew fi qbil mal-mudell mogħti fl-Anness ta' dan.

Artikolu 4

L-Aġenziji li jħallsu

1. Kull aġenzija li tħallas għandha żżomm il-kontijiet li jkopru b'mod esklussiv l-użu tal-fondi disponibbli lilha biex tħallas in-nefqa fuq il-miżuri previsti fid-dokumenti tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali.

2. L-aġenziji li jħallsu għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjoni tal-Komunità titħallas lill-benefiċjarju fl-istess żmien jew wara li tkun tħallset il-kontribuzzjoni nazzjonali.

Artikolu 5

L-użu ta' l-Ewro

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, ir-rabtiet, id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jsostnu l-applikazzjonijiet għall-ħlas, u l-pagamenti għandhom jifissru l'Ewro fi qbil mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 643/2000⁽¹⁾.

Madankollu, fil-każ tal-miżura prevista fl-Artikolu 33g tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jikkonvertu n-nefqa li tkun saret fil-munita nazzjonali fl-Ewro, u dan billi tintuża r-rata tal-kambju applikabbli għall-iskemi ta' appoġġ dirett.

Artikolu 6

Id-Dikjarazzjonijiet u t-tbassir tan-nefqa

L-Artikoli 47, 48 u 49 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 m'għandhomx ikunu jgħoddu għad-dokumenti ta' programmi ta' l-iżvilupp Rurali ta' l-Istati Membri l-ġodda.

Artikolu 7

L-Approvazzjoni tal-kontijiet

1. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95⁽²⁾, il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan għandhom jinkludu:

- (a) in-nefqa annwali mqasra bil-miżura ta' l-iżvilupp rurali;
- (b) tabella li tkun turi d-differenzi bejn in-nefqa ddikjarata taħt (a) u dik iddikjarata għall-għan tal-ħlasijiet interim imsemmija fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament;
- (ċ) tabella, meħuda mill-ktieb tad-debituri, li tkun turi d-dejn sħiħ magħruf iżda li ma jkunx għadu tħallas lura fit-tmiem tas-sena finanzjarja għall-miżuri ta' l-iżvilupp rurali.

2. Għall-għanijiet tat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95, l-ammonti li jinkisbu mill-ġdid jew li jitħallsu taħt id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 għandhom jitnaqqsu minn jew jiżdedu ma' pagamenti li jiġu wara li tkun għamlet il-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 78, 29.03.00, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 158, tat-8.7.1995, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2025/2001 (ĠU L 274, tas-17.10.2001, p. 3).

*Artikolu 8***It-total ta' ħlasijiet diretti**

1. Minkejja l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002, il-pagamenti li jsiru mill-aġenziji li jħallsu, liema pagamenti jkollhom x'jaqsmu mat-total ta' pagamenti diretti, kif previsti fl-Artikolu 33g tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-applikazzjoni tal-ħlas li tintbagħat għall-ħlas sħiħ nazzjonali dirett jew għall-ghajjnuna kumplimentari nazzjonali diretta li hemm fl-Artikolu 1ċ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 ⁽¹⁾. Fil-każ ta' l-Istati Membri l-ġodda li japplikaw l-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999, l-aġenziji li jħallsu għandhom jiżguraw li t-total tal-ħlasijiet diretti jitħallsu fl-istess żmien jew wara dawk diretti tal-Komunità, taħt l-iskema ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999.

2. Minkejja l-Artikoli 59 sa 64 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002, l-Istati Membri għandhom iħaddmu r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 ⁽³⁾ fil-każ tal-miżura prevista fl-Artikolu 33g tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

*Artikolu 9***It-Total ta' ghajjnuna ta' l-Istat f'Malta**

Minkejja l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002, il-ħlasijiet li jsiru mill-aġenzija li qed tħallas dwar il-kumpliment għall-ghajjnuna ta' l-Istat f'Malta li hemm fl-Artikolu 33g tar-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplexsità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Jannar 2004.

Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-applikazzjoni tal-ħlas li tkun intbagħtet għall-ghajjnuna ta' l-Istat.

*Artikolu 10***Id-Diżposizzjonijiet transnazzjonali għall-2004**

Il-benefiċjarji għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' kumpens li hemm fil-Kapitlu V tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għall-2004 lill-awtoritajiet kompetenti qabel l-1 ta' Lulju 2004 jew b'data aktar tard li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri l-ġodda li tkun kumpatibbli ma' l-obbligi tal-kontroll tagħhom taħt it-Taqsima 6 tal-Kapitlu II tar-Regolament (KE) Nru 445/2002.

*Artikolu 11***Id-Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004 suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.06.99, p. 113.

⁽²⁾ ĠU L 355, 05.12.92, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 327, 12.12.01, p. 11.

L-ANNESS

ĊERTIFIKAT U DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA U APPLIKAZZJONI BIEX ISIR IL-PAGAMENT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-GARANZIJA TAL-FAEGG

Ċertifikat u Dikjarazzjoni tan-nefqa u applikazzjoni biex isir il-pagament

(għandu jintbagħat lit-Taqsima F2 tad-DĠ AGRI permezz ta' parametri uffiċjali)

L-isem tad-dokument tal-programm

Deċiżjoni tal-Kummissjoni: _____ tal- _____

In-Numru tar-Referenza tal-Kummissjoni (CCI): _____

Ir-Referenza Nazzjonali: _____ (jekk hemm)

ĊERTIFIKAT

Jiena, hawn taħt iffirmat, _____ ,

li qed nirrappreżenta lill-awtorità li qed tħallas u maħtura minn ⁽¹⁾

niċċertifika li n-nefqa kollha eliġibbli li hija mdaħħla fid-dikjarazzjoni mehmuża, li tirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet tat-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG u ta' l-iffinanzjar pubbliku nazzjonali u/jew privat, u mħallsa waqt li l-għajjnuna kienet miexja 'il quddiem, tħallset

wara ⁽²⁾: _____ / _____ /20 _____ u tlaħħaq is-somma ta': EWRO _____
(l-ammont eżatt sa żewġ postijiet deċimali)

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa mehmuża u maqsuma skond il-miżura hija msejsa fuq il-kontijiet li ġew approvati b'mod proviżorju fil:-

_____ / _____ /20 _____

u hija parti integrali minn dan iċ-ċertifikat.

Jiena niċċertifika wkoll li l-ħidmiet jinsabu mexjin 'il quddiem fi qbil mad-diżposizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1257/1999 u (KE) Nru 1258/1999, l-aktar dwar:

1. il-konformità mad-diżposizzjonijiet tat-Trattat u l-istrumenti addottati fi qbil miegħu u mal-politika tal-Komunità, l-aktar, mar-regoli tal-kompetizzjoni, l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, il-ħarsien ta' l-ambjent u t-tneħħija tan-nuqqas ta' tidqis u t-tmexxija 'il quddiem ta' l-egwalità bejn l-irġiel u n-nisa (l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999);
2. l-applikazzjoni tal-proċeduri tat-tmexxija u l-kontroll għall-ghajjnuna, l-aktar biex ikunu vverifikati t-twassil tal-prodotti u s-servizzi li jkunu ġew ikkofinanzjati u r-realtà tan-nefqa ddikjarata, kif ukoll biex ikunu evitati, jinstabu u jkunu msewwija l-irregolaritajiet, li jinstabu l-frodi, u jitħallsu lura l-ammonti ta' flus li jkunu ntnefqu kif mhux suppost (l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999).

⁽¹⁾ Uri l-istrument amministrattiv tad-deskrizzjoni, fi qbil ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, bir-referenzi u d-dati xierqa.

⁽²⁾ Id-data tar-referenza fi qbil mad-deċiżjoni, li tkun tilħaq il-kriterji ta' l-Artikolu 47b(1), it-tielet sotto-paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

Id-dokumenti ta' appoġġ huma u jibqgħu disponibbli għal perjodu minimu ta' tliet snin fi qbil ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95.

Jiena niċċertifika li:

1. id-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta u ġejja minn sistemi ta' żamma tal-kontijiet msejsa fuq dokumenti ta' appoġġ li jistgħu jkunu verifikati;
2. id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-pagament iqisu, meta għandu x'jaqsam, il-konsegwenzi finanzjarji tad-deċiżjonijiet marbuta ma' l-approvazzjoni tal-kontijiet, kull ħlas lura li jkun sar, id-dħul dovut għat-tħaddim ifffinanzjat taħt id-dħul ta' l-għajnunha u l-interess;
3. id-dettalji tat-transazzjonijiet li jidhru taħt huma rreġistrati ġo fajls tal-kompjuter u huma disponibbli lid-dipartimenti responsabbli tal-Kummissjoni.

Data: _____ / ____ /20 ____

APPLIKAZZJONI GĦALL-PAGAMENT

L-Isem tad-dokument tal-programm: _____

In-Numru tar-Referenza tal-Kummissjoni (CCI): _____

Fi qbil ma' l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, jiena, hawn taħt iffirmit (l-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-pożizzjoni u l-firma ta' l-aġenzija li qed tħallas) qed nitlob il-pagament li jlaħħaq is-somma ta' EWRO _____ bħala pagament interim/aħħari ⁽³⁾. Din l-applikazzjoni tilħaq l-kriterji ta' aċċettazzjoni għaliex:

- l-aħħar rapport annwali fuq it-tħaddim meħtieġ bl-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1257/1999 ġie pprovdut/huwa mehmuż/ma skadiex;
- l-aħħar kontijiet annwali ġew ipprovduti/huma mehmuż/ma skadewx.

Il-pagament għandu jsir lil:

Benefiċjarju	
Bank	
In-Numru tal-Kont	
L-Okkupant tal-Kont (jekk differenti mill-benefiċjarju)	

Data: _____ / ____ /20 ____

Isem b'ittri kbar, it-timbru, il-pożizzjoni u l-firma
ta' l-aġenzija li qed tħallas

⁽³⁾ Ħassar kif meħtieġ.

Dikjarazzjoni tan-nefqa skond il-prijorità u l-miżura

In-Numru tar-Referenza tal-Kummissjoni _____

Isem: _____

Data: ____ / ____ / ____

Prijorità/ miżura	2004						...						2008						Total																	
	Pubblika		Privata		Nefqa		Pubblika		Privata		Nefqa		Pubblika		Privata		Nefqa		Pubblika		Privata		Nefqa													
	Komunità	oħra	Komunità	oħra			Komunità	oħra	Komunità	oħra			Komunità	oħra	Komunità	oħra			Komunità	oħra	Komunità	oħra														
Prijorità 1 Miżura 1.1 Miżura 1.2 eċċ																																				
Prijorità 2 Miżura 2.1 Miżura 2.2 eċċ																																				
Total																																				

In-nefqa kollha li ġiet iċċertifikata bħala eliġibbli u li tħallset fil-fatt